# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 15/14/VG**

**Carmelo GALEA**

**vs**

**Anthony XERRI**

**It-Tribunal,**

Ra' **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-21 ta' Mejju, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' elfejn hames mija u erbgha u sebghin Euro u sebgha u disghin centezmi ta' Euro [€2574.97c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn hames mija u erbgha u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€2574.97) dovuti lir-rikorrenti bhala bilanc tal-prezz tal-vettura tat-tip Toyota RAV bin-numru ta' registrazzjoni IBP-937 illi l-konvenut xtara minghand ir-rikorrenti skont ftehim li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.
>
> Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficjali nru 25/2014 datata 7 ta' Marzu 2014 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.
>
> Bla hsara ghad-dritt tar-rikorrenti illi jipprocedi ghall-irkupru tal-vettura.
>
> Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni".

Ra’ **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-27 ta’ Gunju 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

“Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jecepixxi bil-qima:

1. Illi l-ammont pretiz mhuwiex dovut stante li l-vettura ma kienitx tal-kwalita pattwita;

2. Illi di fatti l-attur stess huwa ben konxju illi l-konvenut kellu jaghmel diversi riparazzjonijiet lill-vettura imsemmija u dana hekk kif jaf ben tajjeb l-attur innifsu li sahansitra ftiehem hu stess mal-mechanic Jesmond Pisani u ftiehem mieghu li ser ihallsu tar-riparazzjonijiet li kienu necessarji ghall-vettura;

3. Illi in oltre, l-konvenut kellu ukoll jixtri cavetta minghand l-agenti tat-Toyota peress li l-vettura kellha cavetta wahda;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom msejjha”.

Ra l-verbal datat 10 ta’ Lulju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha’ x-xhieda;

Ra’ l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, r-rikorrenti talab lill-intimat ihallsu s-somma ta’ €2574.97c dovuti lilu bhala bilanc tal-prezz tal-vettura tat-tip Toyota RAV bin-numru ta’ registrazzjoni IBP-937 illi l-intimat xtara minghandu skont ftehim datat 6 ta’ Settembru, 2013. L-intimat da parti tieghu laqa ghal din it-talba billi qal li l-ammont pretiz ma huwiex dovut stante li l-vettura ma kienitx tal-kwalita pattwita. Kompla jghid li r-rikorrenti huwa ben konxju li huwa kellu jaghmel diversi riparazzjonijiet lill-vettura imsemmija u li sahansitra r-rikorrenti kien ftiehem direttament mal-mechanic Jesmond Pisani biex ihallas hu l-ispejjez tar-riparazzjonijiet mehtiega li kellhom isiru fuq l-imsemmija vettura. Oltre dan, kompla jzid l-intimat, huwa kellu ukoll jixtri cavetta minghand l-agenti tat-Toyota peress li l-vettura kellha cavetta wahda.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti Carmelo Galea xehed u qal li fis-6 ta’ Settembru, 2013 l-intimat kien ha vettura minghandu tal-ghamla Toyota RAV 4 ghall-prezz ta’ sitt elef u hames mitt euro (€6500). Qal li l-ftehim kien li l-intimat jaghtih elfejn euro (€2000) depozitu akkont u l-

kumplament jiehdu b'*hire purchase* ghal erba' xhur u wara kien ihallsu d-differenza. Fis-6 ta' Jannar, 2014 reggha tah elfejn euro (€2,000) ohra. Min dak-in-nhar sad-data tal-prezentata tat-Talba baqa ma hallsu xejn aktar. Qal li l-intimat kien ha l-vettura minghandu f'Settembru, 2013 u min dak-in-nhar sa Jannar, 2014 meta reggha ghamel pagament iehor, huwa ma kien sema' xejn minghandu. Kompla jghid li xi tlett ijiem wara li kien tah it-tieni pagament t' elfejn euro (€2,000) l-intimat kien cempillu u qallu li l-vettura kienet qeghda terhi hafna zejt. Ir-rikorreti kompla jghid li kien sorpriz b'din id-dikjarazzjoni ta' l-intimat tenut kont tal-fatt li l-vettura kienet ilha ghandu erba' (4) xhur. Huwa qallu sabiex imur hdejh u sab li l-vettura kienet nieqsa miz-zejt. Ir-rikorrenti stqarr ukoll li huwa kien qal lill-intimat li kien lest li jara x'kellha l-vettura in kwistjoni biex jara minn fejn kienet gejja din il-hsara li kellha. Ghalhekk, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa kien baghat lill-intimat bil-vettura ghand zewg *mechanics* tieghu izda dawn irrifjutaw li jahdmulu ghax skond huma, l-intimat beda jghidilhom li jekk hemm xi hsara, huwa ried kollox gdid. Wara kien cempillu *mechanic* iehor jismu Jesmond Pisani u qallu li l-vettura kienet qeghda ghandu ghax iben ir-rikorrenti kien hadha ghandu biex jara x'kien fiha din il-vettura. Ir-rikorrenti qal li huwa ma kien ta l-ebda awtorizzazzjoni lil ibnu sabiex huwa jiehu l-imsemmija vettura ghand dan il-*mechanic*. Sahaq li qabel ma qata, huwa kien wissa lill-imsemmi *mechanic* sabiex jaccerta ruhhu li jithallas tax-xoghol li kien qieghed jaghmel minghand l-intimat. Wara li kienet tlestiet il-vettura, huwa kien ircieva telefonata ohra, din id-darba minghand l-intimat, fejn dan infurmah li huwa ma kienx lest li jhallas ghat-tiswijiet li saru. Ir-rikorrenti kkonferma ukoll li l-intimat kien ghad fadallu jhallas l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri. €2,500 bilanc mill-ammont ta' bejgh tal-vettura u l-kumplament fuq hlasijiet ta' insurance.

In kontro-ezami qal li skond ma kien qallu l-*mechanic*, din il-vettura, xi darba, kienet giet *overheated* u grat xi hsara fil-brunzina. Zied ighid li meta mart il-*mechanic* Jesmond Pisani kienet giet ghandu bil-kont, lejn l-ahhar ta' Frar, 2014 huwa kien baghtu lura ghax qal li ma kellhux x'jaqsam mieghu. Dwar ic-cavetta tal-vettura huwa qal li l-vettura li ha l-intimat kellha cavetta wahda biss. Zied ighid li cavetta tal-vettura in kwistjoni tiswa madwar €180 biex tinxtara.

3. **L-intimat** qal li f'Settembru, 2013 huwa kien xtara vettura minghand ir-rikorrenti. Qal li l-ghada li ha l-vettura huwa kien cempel lir-rikorrenti u infurmah li kienet xeghlet il-bozza taz-zejt. Di fatti mar hdejh biex jurih. Qal li huwa kien ftiehem mar-rikorrenti li huwa kellu jaghmlilha service lill-vettura qabel ma jehodha minghandu. Min dan kollu, kompla jghid l-intimat, ir-rikorrenti ma ghamel xejn. Ghar-rigward taz-zejt, l-intimat qal li ma kull sitt kilometri, l-vettura kienet qeghda titlef litru u nofs zejt. Imbaghad, hu u r-rikorrenti kienu cemplu lil sid il-vettura u dan qallu li huwa qatt ma kien bidlilha z-zejt. L-intimat qal li "*filfatt ghalhekk garbet il-hsara li kellha ghax iz-zejt ma kinetx ikkurata l-magna ... imma talli ma kinetx ikkurata l-karozza kienet qed tahraq iz-zejt*" (fol. 38). Huwa qal li meta l-vettura baqghet bl-istess haga u cioe titlef iz-zejt huwa kien qal lir-rikorrenti li jew dan jiehu l-vettura lura u jaghtih il-flus li kien tah jew inkellha jirrangahielu. Wara hafna dewmien, kompla jghid l-intimat, ir-rikorrenti kien iddeciedha li jirrangaha. Sussegwentement, huwa kien ha l-vettura ghand il-*mechanic* Jesmond Pisani. Waqt li l-vettura kienet ghand dan il-*mechanic*, kien cempillu r-rikorrenti u kien qallu li l-ispejjez kellhom jhallsuhom nofs bin-nofs, ma liema proposta, l-intimat ma

qabilx. Wara li l-*mechanic* bidlilha l-affarijiet, il-vettura giet sew u ma kienx hemm aktar problemi. Ghar-rigward tac-cavetta, huwa qal li r-rikorrenti kien tah biss cavetta wahda. L-intimat spicca ordna cavetta ohra minghand tat-Toyota. L-istess haga dwar il-*jack* u l-*ispare wheel*. Dawn ma kienux inghataw lilu mir-rikorrenti u kellhu jixtrihom. Meta ingibditlu l-attenzjoni mit-Tribunal li dawn l-oggetti li semma ma kienux imnizzlin fil-kuntratt ta' bejgh, l-intimat qal li r-rikorrenti "*dejjem jghidli li ha jgibomli. Ic-cavetta ha ngibilek, il-gakk ha ngibulek u l-ispare ha ngibulek. Imma qatt ma wasal biex igibhom*" (fol. 40).

In kontro-ezami, l-intimat qal li l-ftehim li kien sar bejniethom li jsir *service* lil vettura kien wiehed verbali u ma kien hemm xejn bil-miktub. Huwa qal li meta ha l-vettura minghand ir-rikorrenti, kienet il-gurnata tas-Sibt, u l-ghada l-Hadd xeghlet il-bozza taz-zejt. Kien dak in-nhar li huwa nduna li l-karozza ma kienx sarilha *service*. Qabel ma xeghlet din il-bozza ma kienx jaf b'dan il-fatt.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa kellhux jaghti l-ammont reklamat lir-rikorrenti, huwa wiegeb fl-affermattiv izda zied ighid li ma kienx qed jaghtihomlu minhabba l-hsarat li kellha l-vettura u l-ispejjez li kellhom jintefqu biex tissewwa.

Ghar-rigward tac-cavetta, huwa qal li fil-ftehim ma kienx hemm miktub li kellhu jkollu zewgt ic-cwievet izda kull karozza jkollha zewgt ic-cwievet u ghalhekk kien qieghed jippretendi li huwa hekk ikollu. Ghalhekk, kompla jghid l-intimat, ir-rikorrenti kellhu jaghmel tajjeb ghal ispejjez li huwa hallas ghal din it-tieni cavetta. Qal li r-rikorrenti kien weghdu li ser jgiblu din ic-cavetta, kif kien weghdu li kien ser jaghtih it-twapet taghha u l-*jack*. Qal li vettura ma tohrogx fit-triq minghajr dawn l-affarijiet.

4. **Jesmond Pisani** qal li xogholu huwa ta' *mechanic* u li kien ghamel xoghol fuq il-vettura proprjeta ta' l-intimat. Huwa qal li l-vettura kien hadha ghandu l-intimat pero kien iben ir-rikorrenti Roden Galea li qallu sabiex jaghmel ix-xoghol mehtieg fuqha. Qal li huwa kien ghamel ix-xoghol mehtiega fuq din il-vettura sabiex ma tibqax tahraq iz-zejt kif kienet qeghda taghmel. Qal li huwa kien kellem lir-rikorrenti x'hin kien beda ix-xogholijiet fuq il-vettura u wara meta martu tat il-kont lir-rikorrenti. Kompla jghid li r-rikorrenti kien gerger mieghu fuq dan il-kont imma mbaghad kien qallu li l-intimat kien ghad fadallu jaghtih xi haga tal-flus u li l-intimat messu halsu u kien jaghtih id-differenza. Qal li meta kien qala l-magna huwa skopra li kienu "*marru l-brunzini u li kienet tahraq iz-zejt ghax kellha r-rings imwahhlin*" (fol. 45). In kontro-ezami qal li "*harget b'difett mill-fabbrika biex niftiehmu, ghax it-toqob kienu zghar u z-zejt kien jinharaq*" (fol. 62). Ix-xhud ikkonferma li kellu jiehu l-fuq minn elf euro (€1,000) ghal dan ix-xoghol li kien ghamel fil-vettura in kwistjoni. Mistoqsi mit-Tribunal l-ghala kien ta l-kont lir-rikorrenti, huwa qal li ghax kien qabdu ibnu biex jaghmel ix-xoghol u cioe Roden Galea.

5. **Diane Pisani** qalet li hija kienet marret ghand ir-rikorrenti bil-kont fuq inkarigu ta' zewgha Jesmond. Meta tatu dan il-kont, kompliet tghid ix-xhud, hu kien sorpriz bil-kont u qalilha li kien gholi.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Illi din il-kwistjoni twalet ghalxejn u bi ftit buon sens il-partijiet setaw waslu ghal ftehim ragjonevoli bejniethom izda baqghu ma ghamlux dan u gew quddiem it-Tribunal ghad-decizjoni tieghu. Jirrizulta li r-rikorrenti kien biegh vettura tal-ghamla Toyota RAV 4 lill-intimat. L-ghada li huwa xtara din il-vettura din bdiet taghtih il-problemi u dan fis-sens li bdiet tixghel il-bozza taz-zejt. Sussegwentement, huwa hadha ghand il-*mechanic* Jesmond Pisani u dan ghamel xi xogholijiet fiha li telghu ghal €1,177.10c (dok. AX 5 a fol. 52). Wara li saru dawn ix-xogholijiet il-problema li kellha l-vettura ssewwiet, tant li l-intimat ma ghadux jilmenta dwar il-vettura. Il-*mechanic* Jesmond Pisani qal li kien cempillu iben ir-rikorrenti u kien talbu sabiex jirranga din il-vettura. Iben ir-rikorrenti baqa ma tressaq qatt biex jixhed f'dawn il-proceduri u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda tal-*mechanic* f'dan ir-rigward. Tant hu hekk li l-*mechanic* baghat il-kont lir-rikorrenti. It-Tribunal jifhem, li ghalkemm il-vettura in kwistjoni kienet wahda *second hand*, xorta wahda l-intimat kellhu dritt li jakkwista din il-vettura minghajr difetti, kif kellha din il-vettura. Wara li trangat, id-difett telaqu di fatti l-intimat ma kellhux aktar ilmenti dwarha. Hija l-fehma tat-Tribunal li r-rikorrenti ghandu jaghmel tajjeb ghal kont tal-*mechanic* Jesmond Pisani, izda dan ma huwiex parti fil-kawza u ghalhekk ma jistax jordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu. Minkejja dan, it-Tribunal sejjer jipprovdi dwar dan aktar l-isfel f'din id-decizjoni.

7. Ghar-rigward tat-twapet, tac-cavetta, tal-jack u ta' l-ispare wheel, it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn ma ghandux ghalfejn iwiegeb ghalihom ir-rikorrenti. L-intimat kien jaf x'qed jixtri u jekk kien ghad hemm xi affarijiet li ried jghaddilu r-rikorrenti huwa messu ha hsieb li dawn jinkitbu fuq l-iskrittura li kienet saret mill-partijiet (fol. 5). Galadarba ma inkiteb xejn min dan kollu, u mehud in konsiderazzjoni l-fatt li din il-vettura kienet *second hand* allura hija l-fehma tat-Tribunal li dawn huma affarijiet zejda u li ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-intimat u mhux ir-rikorrenti.

8. Ghar-rigward tal-kont tal-*mechanic* Jesmond Pisani, minkejja li r-rikorrenti qal li kien gholi, ma ingiebet l-ebda prova sodisfacenti ghat-Tribunal li dan kien il-kaz.

9. Fir-rigward tal-ammont reklamat mir-rikorrenti hemm il-bilanc ta' €2500 li kien ghad fadallu jhallas l-intimat u l-ammont ta' €74.97c ghal insurance li kien hallas ir-rikorrenti ghan-nom ta' l-intimat. L-intimat baqa qatt ma kkontesta dawn l-ammonti u allura ghat-Tribunal huma ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa in parte t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf tlett mija sebgha u disghin euro u sebgha u tmenin centezmu ta' euro (€1,397.87c) flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi fuq dan l-ammont mill-1 ta' Jannar, 2014 sad-data tal-hlas effettiv.

L-intimat da parti tieghu ghandu jiehu hsieb li jhallas il-kont dovut lil *mechanic* Jesmond Pisani fl-ammont ta' elf mija sebgha u sebghin euro u ghaxar centezmi ta' euro (€1,177.10c). F'kaz li l-intimat ma jhallasx l-ammont hawn appena msemmi ta'

€1,177.10c lil Jesmond Pisani fi zmien gimgha minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat, allura huwa jkun obbligat li jghaddi dan l-ammont ta' €1,177.10c lir-rikorrenti biex dan ihallas hu l-kont tal-*mechanic* Jesmond Pisani.

F'kaz li l-intimat jaghzel li jhallas huwa lil *mechanic* Jesmond Pisani, allura huwa ghandu jipprezenta nota flimkien ma l-ircevuta fl-atti ta' din it-Talba fi zmien gimgha minn meta jkun hekk hallsu.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Daniel Sacco**
**Deputat Registratur**